

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 107

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

17 ta' April 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

## REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 341/2013 tas-16 ta' April 2013 dwar it-tqassim tal-kwoti nazzjonali tal-ħalib stabbiliti għall-2012/l-2013 fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett”** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 342/2013 tas-16 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 589/2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd** ..... 4
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 343/2013 tas-16 ta' April 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 5

Prezz: EUR 3

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 341/2013

tas-16 ta' April 2013

dwar it-tqassim tal-kwoti nazzjonali tal-ħalib stabbiliti għall-2012/l-2013 fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett”

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 69(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 67(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li l-produtturi jista' jkollhom kwota individwali waħda jew żewġ kwoti individwali, waħda għall-kunsinni u l-oħra għall-bejgħ dirett, u li l-kwantitajiet jistgħu jinbidlu minn kwota waħda għall-oħra mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru biss, fuq talba għustifikata kif xieraq min-naħa tal-produttur.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 326/2012 tal-17 ta' April 2012 dwar id-diviżjoni bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett” ta' kwoti nazzjonali tal-ħalib stabbiliti għall-2011/2012 fl-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi t-tqassim bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett” għall-perjodu mill-1 ta' April 2011 sal-31 ta' Marzu 2012 għall-Istati Membri kollha.
- (3) Skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib <sup>(3)</sup>, l-Istati Membri nnotifikaw il-kwantitajiet li tbiddu b'mod definittiv fuq talba tal-produtturi bejn il-kwoti individwali għall-kunsinni u dawk għall-bejgħ dirett.

- (4) Il-kwoti nazzjonali totali għall-Istati Membri kollha stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009 <sup>(4)</sup>, żdiedu b'1 %, b'effett mill-1 ta' April 2012, minbarra dawk għall-Italja, li l-kwota tagħha diġà kienet żdiedet b'5 %, b'effett mill-1 ta' April 2009. L-Istati Membri, minbarra l-Italja, innotifikaw lill-Kummissjoni dwar it-tqassim tal-kwota addizzjonali bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett”.
- (5) Għaldaqstant huwa xieraq li jiġi stabbilit it-tqassim tal-kwoti nazzjonali applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' April 2012 sal-31 ta' Marzu 2013 stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett”.
- (6) Minħabba li t-tqassim bejn il-bejgħ dirett u l-kunsinni jintuża bħala l-bażi ta' referenza għall-kontrolli mwettqin skont l-Artikoli 19 sa 21 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 u għall-istabbiliment tal-kwestjonarju annwali mogħti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza għal dan ir-Regolament wara l-aħħar data possibbli għal dawn il-kontrolli.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

It-tqassim tal-kwoti nazzjonali stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett”, applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' April 2012 sal-31 ta' Marzu 2013, huwa stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 106, 18.4.2012, p. 11<sup>(3)</sup> ĠU L 94, 31.3.2004, p. 22.<sup>(4)</sup> ĠU L 30, 31.1.2009, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibqa' validu sat-30 ta' Settembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2013.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---

## ANNEX

L-Istati Membri	Il-kunsinni (ftunnellati)	Il-bejgħ dirett (ftunnellati)
Il-Belġju	3 527 261,237	39 189,169
Il-Bulgarija	969 471,860	69 654,492
Ir-Repubblika Ċeka	2 883 911,857	22 172,160
Id-Danimarka	4 799 731,619	178,750
Il-Ġermanja	29 927 740,580	91 000,757
L-Estonja	679 484,295	6 581,100
L-Irlanda	5 725 112,334	2 038,395
Il-Greċja	869 588,700	1 317,000
Spanja	6 426 902,352	65 726,801
Franza	25 760 216,119	349 913,858
L-Italja	10 936 833,659	351 709,207
Ċipru	153 365,189	752,427
Il-Latvja	756 483,140	16 915,571
Il-Litwanja	1 734 582,876	74 960,670
Il-Lussemburgu	289 255,752	600,000
L-Ungerija	1 957 311,869	154 969,835
Malta	51 688,841	0,000
Il-Pajjiżi l-Baxxi	11 852 077,809	79 103,038
L-Awstrija	2 877 171,506	85 926,007
Il-Polonja	9 808 184,895	148 049,814
Il-Portugall <sup>(1)</sup>	2 059 790,172	8 432,151
Ir-Rumanija	1 535 888,932	1 708 860,056
Is-Slovenja	591 294,484	20 758,367
Is-Slovakkja	1 066 819,790	37 889,340
Il-Finlandja <sup>(2)</sup>	2 588 836,146	5 061,626
L-Isvezja	3 553 845,206	4 600,000
Ir-Renju Unit	15 591 926,714	147 384,737

<sup>(1)</sup> Ħlief għal Madejra.

<sup>(2)</sup> Il-kwota nazzjonali Finlandiża msemmija fl-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-ammont totali tal-kwota nazzjonali Finlandiża indikata fl-Anness ta' dan ir-Regolament ivarjaw minħabba żieda ta' 784 683 tunnellata fil-kwota biex jiġu kkompensati l-produtturi SLOM Finlandiżi skont l-Artikolu 67(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 342/2013

tas-16 ta' April 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 589/2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup> u partikolarment l-Artikolu 121(d) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 <sup>(2)</sup> l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bajd ikun iċċekkjat fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni, li jista' jinftiehem bħala l-verifika tal-konformità ma' kull rekwiżit mogħti fir-Regolament f'kull stadju tal-katina tal-kummerċjalizzazzjoni.
- (2) Madankollu, ċerti rekwiżiti mogħtija fir-Regolament japplikaw fi stadju speċifiku tal-katina tal-kummerċjalizzazzjoni u għaldaqstant għandhom jiġu ċċekkjati f'dak l-istadju. Pereżempju, ċerti rekwiżiti jridu jiġu ċċekkjati fis-sit tal-produzzjoni jew fiċ-ċentru tal-ippakkjar, waqt li rekwiżiti oħrajn iridu jiġu ċċekkjati fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut, skont kif ikun xieraq.
- (3) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, jeħtieġ li tiġi żgurata ċerta flessibbiltà fir-rigward tal-verifiki li għandhom jitwettqu fi stadji differenti tal-katina tal-kummerċjalizzazzjoni.

(4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 589/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 589/2008 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Is-servizzi tal-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiċċekkjaw il-prodotti koperti minn dan ir-Regolament fl-istadji differenti tal-kummerċjalizzazzjoni, skont kif ikun xieraq. Minbarra l-verifiki permezz tat-teħid ta' kampjuni aleatorji, għandhom isiru verifiki abbażi ta' analiżi tar-riskji, filwaqt li jitqiesu t-tip u l-ammont ta' materjal ipproċessat fl-istabiliment ikkonċernat, kif ukoll ir-reġistri tal-passat tal-operatur rigward il-konformità man-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd."

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 343/2013****tas-16 ta' April 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni,  
Fisem il-President,  
Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	60,1
	TN	93,4
	TR	115,7
	ZZ	89,7
0707 00 05	AL	46,1
	JO	158,2
	TR	131,7
	ZZ	112,0
0709 93 10	MA	91,2
	TR	113,6
	ZZ	102,4
0805 10 20	EG	50,9
	IL	66,4
	MA	69,7
	TN	66,4
	TR	69,1
	US	86,4
	ZZ	68,2
0805 50 10	TR	83,6
	ZA	116,4
	ZZ	100,0
0808 10 80	AR	115,9
	BR	85,7
	CL	127,5
	CN	76,7
	MK	29,8
	NZ	149,4
	US	207,4
	ZA	99,4
	ZZ	111,5
0808 30 90	AR	120,1
	CL	140,2
	CN	98,6
	TR	204,5
	ZA	132,8
	ZZ	139,2

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".









## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

